# L-IŻVILUPP U ĦAL BALZAN

**Alfred Borg**

**Wara l-aħħar Gwerra Dinjija Malta ħadet ġirja fejjieda lejn "ħajja aħjar". Il-bżonn li ntejbu l-qagħda ta' pajjiżna kien jidher f'kull xeħta tal-ħajja u f'kull rokna ta' Malta. Imm'issa dan it-"titjib" ħa xejra negattiva, u qed itellifna d-drawwiet il-qodma u tajbin, inaqqsilna il-hena ġenwina, u jeqirdilna l-wirt nazzjonali. F'din il-kitba nixtieq naghti idea tal-ħajja infantili ta' raħal twelidi - Ħal Balzan.**

Fil-Medju Evu, ħafna għonja u kbarat (eżempju wieħed hu l-Gran Mastru De Paule) kienu jfittxu l-kwiet u s-satra ta' dawk li għadhom jissejħu "it-Tlett Irħula" - Ħ'Attard, Ħal Lija u Ħal Balzan. It-tlett irħula jinsabu madwar erba' mili bogħod mill-Belt, u madwar erba' mili mill-Imdina. Karatteristika tagħhom hi li f'kull wieħed minnhom issib djar kbar u antiki, kollha bi ġnien kbir bis-siġar tal-frott. Karatteristika oħra familjari ma' kulħadd hija l-ġnien ta' Sant'Anton li proprju qiegħed fin-nofs ta' dawn it-tliet irħula. Għalhekk ma setax jintgħażel motto aħjar għar-raħal tagħna u isbaħ minn dan:

## Hortibus undique septa

li jfisser "imdawwar bil-ġonna minn kullimkien. Hi ħasra kbira mela, li ħafna minn dawn il-ġonna nqerdu f'isem l-iżvilupp u minħabba r-regħba tal-bniedem. Jekk l-iżvilupp se jibqa' jiekol l-aħħar ġonna li fadal, x'valur se jibqagħlu l-motto tar-raħal?!

Isem ir-raħal tagħna hu Ħal Balzan. Hi ħasra kbira li anke fid-dokumenti uffiċjail l-isem qed jitniżżel "Balzan" u l-kelma "Ħal" qed tintrema. Il-"Ħal" hi parti essenzjali mill-isem tar-raħal.

Hemm diversi verżjonijiet ta' minn fejn ġie l-isem "Balzan". Erin Serracino Inglott jgħid: "Jinsab bħala kunjom fl-Italja sewwasew bħal fil-Malti, iżda naħseb li n-nisel hu, flimkien mal-kunjom, mill-Għarbi. Qabbel l-għerq B-L-S bit-tanwina fil-kwadrilitteru B-L-S-N".

Ħal Balzan dejjem ħa l-ħajja minn żewġ widien. Fuq it-tramuntana hemm il-wied li jofroq minn dak li jibda mill-inħawi tan-Naxxar u l-Iklin. Jgħaddi minn quddiem iċ-ċimiterju tar-raħal, u jispiċċa fil-wied ta' Birkirkra. Fil-punent hemm il-wied li jibda minn Ħ'Attard, jgħaddi minn quddiem Sant Anton, minn Triq Birbal, u jiltaqa' ma' dak li jkun ġej minn ħdejn iċ-ċimiterju. Għalkemm hu wieħed mill-isbaħ irħula, Ħal Balzan hu fost l-iżgħar ukoll. Minn tarf sa tarf jinfirex fuq medda ta' madwar 5,600 tomna art.

Mill-Lvant, il-limiti tar-raħal imissu ma' Birkirkara – bejn id-dawwara li tieħdok għall-bajpass u Triq il-Mitħna. Fin-naħa tax-Xlokk, it-Triq il-Kbira tiltaqa' ma' Triq Birbal, fejn hemm il-ħanut tal-laħam. L-isem qadim ta' din in-naħa hu: **Tar-Ras**. Fin-naħa tan-Nofs in-Nhar ir-raħal jasal sa l-Akwidott ta' Wignacourt. Mill-għoljiet tan-naħa tar-Rabat u l-Imdina sa Ħ'Attard, l-akwidott nbena taħt l-art. Imma kien appuntu hawnhekk, in-naħa ta' Ħal Balzan li l-inġiniera ta' l-ordni kellhom iħabbtu wiċċhom ma' kif se jkomplu jsewqu l-ilma sal-Belt. F'Ħal Balzan inbnew l-ewwel ħnejjiet li fuqhom kellu jiġri l-ilma, minn-naħa tat-tramuntana fejn Triq il-Kbira, ħdejn il-Kunsill, tiġi kantuniera ma' Triq il-Kbira ta' Ħal Lija. L-ismijiet ta' l-imgħallmin inkarigati mix-xogħol nafuhom: *Mastro Andrea* minn Trapani, *Mastro Guiseppe* minn Palermo, u l-Malti Ġanni Attard.

Ħal Balzan ta' 50 sena ilu - Ħal Balzan ta' tfuliti – kien naqra differenti milli hu llum. Il-popolazzjoni kienet ta' 2600 ruħ. In-nies ta' madwar il-kappella ta' Santa Marija kienu jqisu ruħhom li huma "minn-naħa ta' fuq", filwaqt li dawk ta' madwar il-parroċċa l-qadima, qrib fejn hemm "it-Tliet Knejjes" kien "minn-naħa t'isfel". Għadek issib ħafna Balzanin li għadhom jużaw dawn il-frażijiet. Dawn in-naħat tar-raħal, li għadna kif semmejna, nistgħu ngħidu li għadhom iżommu l-oriġinalita' tagħhom. Għadhom igawdu minn dak il-kwiet u l-mistrieħ ta' ħamsin sena ilu. Il-biċċa l-kbira tat-tibdil sar madwar il-misraħ, u bil-ftuħ ta' Triq Robert Mifsud Bonnici. Sal-bidu tal-ħamsinijiet il-Misraħ kien ħafna iżgħar minn kif inhu llum. Malli toħroġ mit-Triq il-Kbira, ħdejn il-Każin tal-Banda *Marija Annunzjata* (il-Każin t'isfel), kont issib ruħek fil-misraħ, li ma kienx ħlief salib it-toroq imma ftit usa' mit-toroq infishom. Mal-ġenb tal-knisja, in-naħa tas-sakristija, kien hemm il-ħanut ta' Madlien, il-ħanut ta' Marikarm, Andre' l-parrukkier, u Ġużepp tal-laħam. Il-bini li fiħ kien hemm dawn il-ħwienet kien jasal sa quddiem Triq it-Tliet Knejjes, u bejn dan il-bini u *Casa Pace* u l-Każin tan-Nazzjonalisti, it-triq kienet dejqa b'mod li bniedem u karozza tal-linja ħdejn xulxin ma kienux jgħaddu. Jien għadni niftakar sewwa karozza tal-linja timxi tlikki tlikki wara pram; u tgħidx kemm kont niġri meta kont ninzerta hemm waħdi u nara karozza tal-linja ġejja. Ix-xjuħ għadhom isemmulek kif darba raġel ħaxknitu mal-ħajt karozza tal-linja u dawritu dawra mejt, imma b'xorti tajba baqa' ħaj. *Casa Pace*, mal-ġenb tagħha, quddiem il-Każin Marija Assunta, kellha parapet li kien jasal ftit 'il barra mill-bankina. Ħasra li kellu jitwaqqa' għax fi żmienu kien jagħti dehra ta' lussu lill-misraħ. Il-parapett ta' Casa Pace u l-bini kollu tan-naħa l-oħra tat-triq twaqqa' fil-bidu tal-ħamsinijiet. B'hekk spiċċat parti minn Triq il-Knisja, li l-usa' parti tagħha ma kinitx iktar minn tliet metri. Il-misraħ beda jieħu l-għamla li għandu llum.

Fl-1 ta' Lulju, 1978 infetħu uffiċjalment il-Bandli. L-unika parti li baqa' minn Triq il-Knisja hi l-parti fejn hemm ir-restorant *Fra Giuseppe*. Infetħet Triq Ġuże' Bonnici, u l-bini fejn hemm l-Għassa u l-Każin Laburista iddaħħal ftit aktar 'il ġewwa u twessa' d-dħul għal Triq it-Tliet Knejjes. Mat-twaqqiegħ tal-bini li għadni kemm semmejt għebu għal kollox xi karatteristiċi u tifkiriet Balzanin. Qed nirreferi għall-ħanut ta' Peppi ta' l-inbid, li kien imdeffes f'rokna fil-bidu tat-triq. Jien, oħti u missieri konna midħla sewwa

ta' dan l-imkien. Kien ħanut bi stil tassew Malti. Ornamenti ma kellu xejn. Kien hemm xi żewġ imwejjed ta' l-injam, bank mal-ħajt, u ftit siġġijiet ta' kull disinn. Biswit il-bieb ta' barra, li kien baxx u dejjaq kemm jgħaddi bniedem, kien hemm il-bank tal-flus, u warajh, l-ixkaffa tal-Madonna. L-unika ħaġa li dejjem saltnet f'dan il-ħanut kienet il-mistrieħ tal-moħħ. Ir-radjijiet u t-televixin kienu għadhom 'il bogħod minna.

Ftit passi 'l isfel hemm il-forn tar-raħal. Fi tfuliti, l-furnar kien il-magħruf Ġammarin – bniedem dħuli u sempliċi li dejjem qeda lin-nies mill-aħjar li seta'. Il-forn ilu jaqdi lill-Balzanin mill-inqas mitejn sena u kien sar qisu l-għelm tar-raħal, anke minħabba t-tjubija tal-ħobż li Ġammarin, b'sengħa kbira, kien jaf jaħmi. Sal-bidu tas-sittinijiet, Ġammarin żamm id-drawwa (filwaqt li ħafna furnara aħra kienu warrbuha) li jqassam il-ħobż f'dik il-kaxxa safra, għolja xi żewġ metri, u miġbuda miż-żiemel idur mat-toroq tar-raħal. Għalkemm l-idejn, l-għodod, u t-teknika tal-forn inbidlu, ħaġa waħda ma mbidlitx – it-tjubija tal-ħobż. F'dan il-forn għadhom jinqdew bil-ħatab għan-nar, bl-istess mod kif kienu jaħdmu minn mindu twaqqaf.

Roqgħa oħra fejn l-iżvilupp modern jistona, u donnu għamel f'moħħu li jkisser il-karattru ta' Ħal Balzan hi Triq Robert Mifsud Bonnici. Il-bokka ta' din it-triq ħawdet il-hena li dejjem tgħaxxaqna biha fir-raħal tagħna. Din it-triq tispiċċa fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, Ħal Lija, u għalhekk saret id-dħul tat-traffiku għal ġo Ħal Balzan. Is-siwi ta' din it-triq hu li fiha nbniet l-iskola primarja li qed taqdi liż-żewġt irħula. Anke Triq Ġuże' Bonnici, li l-bokka tagħha qiegħda fil-misraħ, tellfet l-estetika tar-raħal. Mhux biss li l-bini bla bżonn xejjen is-semplicita' tal-ħajja tar-raħal, imma wkoll iċ-ċaqliq bla weqfien tal-karozzi tan-nar. Biex inkunu nistgħu ninqdew b'dan il-"bżonn modern", li ħafna drabi m'hu bżonn xejn imma għażż kapriċċuż, it-toroq il-qodma ma kinux biżżejjed, u kellhom jinħolqu toroq ġodda.

It-triq bejn il-misraħ u Sant'Anton jisimha Triq Idmejda. Sa minn mindu kont tifel dan l-isem kien iqajjem il-kurżita' ta' ħafna nies fir-raħal. Skond mapep qodma, l-inħawi ta' bejn Birbal u Sant'Anton jissejħu "Ta' Dmejda". Fit-testment ta' Orazio Psaila fl-atti tan-Nutar Giovanni Grech jissemma "Scach Dimeina" jew "Ta' Dimeina" fil-kotba tal-Konfraternita' tar-Rużarju ta' Ħal Balzan.

Il-Professur Ġuże' Aquilina jgħid li Idmejda hi korruzzjoni ta' "Dimejna" u jżid li seta' kien isem ta' mara. Il-kelma "demen" insibuha fir-*Regole per la Lingua Maltese* - kelma numru 512, taqsima Malti-Taljan (*A. Cassola ed. La Biblioteca Vallicelliana, Malta 1992.*). Ġan Franġisk Agius De Soldanis isemmi l-kelma "demen" fid-dizzjunarju manuskritt tiegħu *Damma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fomm tal Maltin u Ghaucin* (4 vol., 1750). Skond Godfrey Wettinger "demen" hija varjanti tal-kelma "demel", u dmejna hija l-forma diminuttiva tagħha u li tfisser "miżbla żgħira". Qabel ma nfetħet "Triq Idmejda" kien hemm "Sqaq Idmejda" li kien fih tlett idjar u razzett kbir ta' l-annimali. Mela f'razzett hekk kbir, b'ħafna raba' magħruf bħala "ta' Dimeina" ma kinetx tkun ħaġa stramba li kellu jkun hemm xi miżbla żgħira.

Irziezet oħra li għadhom jissemmew huma Tad-Dingajru, taz-Zekuk, Ta' Sajru Nies, u Ta' Bruno. Dik il-ħnejja li għad hemm f'tarf Triq il-Papa Alessandru VII kienet id-daħla għar-razzett ta' Bruno – li baqa' msemmi għall-espressjoni: "tixbaħ lix-xadina ta' Brunu" peress li r-razzett kellu xadina li n-nies kienu midħla tagħha ħafna. Xtaqt kieku nagħti xi dettalji dwar dawn l-irziezet b'ismijiet u laqmijiet hekk qodma, imam l-ispazju ma jippermmettix.

Ir-raba' li kien hemm in-naħa ta' Triq l-Imdina, Triq San Franġisk, u dawk l-inħawi, kien imsoqqi bl-ilma ġej dirett mill-Akwidott ta' Wignacourt. Kull bidwi kellu l-jum tiegħu meta jista' jiftaħ il-kanali u jimla l-bir. In-nannu tiegħi kellu wieħed mill-irziezet tiegħu f'dan it-tarf tar-raħal. Ir-razzett għadda l-ewwel f'idejn iz-ziju Ġuż imbagħad f'idejn iz-ziju Pawlu; u għalkemm dam ħafna wieqaf u kien imħolli li ma jitwaqqax, ir-razzett imbela' mill-izvilupp modern. *Villa Caprice*, fi Triq San Franġisk, kellha toħodlu postu.

Dan kien razzett tipiku Malti. Malli tidħol minn bieb żgħir kont issib karma mdaqqsa għal xi għodod u għalf tal-bhejjem. Fuq ix-xellug tal-kamra kien hemm maqjel għall-barrin, b'erba' mwieżeb jagħtu għal ġol-bitħa. Il-blata ta' fuq il-bieb tal-maqjel kienet eċċezzjonali: kien fiha sitt piedi b'erba' piedi. Fil-bitħa, fuq ix-xellug tal-maqjel kien hemm taraġ li jagħti għall-għorfa b'setaħ żgħir quddiemha. Kien hemm xoffa bħal tas-swar bejn l-għorfa u d-dwejra ta' taħtha, u ħdejha bieb li minnu toħroġ għall-ġardina mimlija siġar miżgħudin bil-larinġ, bil-lumi, u t-tuffieħ ta' belludja. Il-bir kien jimtela kull nhar t'Erbgħa mill-akwidott permezz tal-kanali tal-ġebel. Fuq il-bieb ta' barra kien hemm statwa ta' anġlu minquxa ġol-blata tal-bieb. Il-qbiela kienet ta' tmien liri u tiġieġa, mħallsa għand qassis, Tas-Sliema.

Dawn huma ftit mill-laqmijiet li miftakar f'Ħal Balzan minn tfuliti u li għadhom jissemmew:

Tal-Lakku (l-laqam tal-familja tagħna), Valent tal-Ħalib (nannuwi), Tal-Pajsa, Ta' Ġost, Tal-Ġurdiena, Tal-Karozza, Taċ-Ċomb, Tal-Kik, Taz-Zipa, Ta' Manana, Taċ-Ċinella, Ta' Soks, Ta' Toni il-Ġdid, Tal-Kampjun, Ta' Gauci Borda, Tat-Taċċu, Ta' Ġesuna, Ta' l-Għaġin, Ta' Bramu, Tal-Pitrolju, Ta' Sajru Nies, Tal-Patrakka, ta' Piju, Tal-Qtates, Ta' Majru, Tas-Siċċa, Tad-Deheb, Ta' Mazza, Tas-Sagristan, Tad-Dinglija, Tal-Għawdxija, Ta' Ganga, Tal-Mastrudaxxa, Ta' Sajka, Tal-Mikluba, Tal-Quxlu, Tal-Baġluwa, Ta' Patutu, Tal-Perċjus, Ta' Paċali, Ta' Mudest, Tal-Lok, Tal-Faxx, Taċ-Ċe, Ta' Peċkiċka, Ta' Kwas, Ta' Fekika, Tal-Kamin, Tas-Sluta, Tal-Melħ.

Sa ftit snin ilu, f'Ħal Balzan konna nitkellmu bl-aċċent distint tagħna, li kien

jagħtina identita'. Imm'issa dan l-aċċent kważi għeb għal kollox. Il-kbira hi li hawn min anke bil-Malti **jisthi** jitkellem. Diżgrazzja ikbar hi li hawn tfal li **ma jafux** jitkellmu bil-Malti. Dawn it-tfal qed jiġu mċaħħda milli jieħdu sehem fil-wirt kulturali tagħhom.

Minkejja ċ-ċokon tiegħu, fi tfuliti f'Ħal Balzan kont issib in-nies tas-snajja' kollha. Minn jaf kemm qdejt lill-ommi għand il-landier, biex isewwili xi toqba f'xi qiegħ ta' borma, jew bott tal-kafe. L-iskarpan kien isewwi, ifassal u jaħden żraben ta' kull daqs. Meta toqrob il-festa, il-ħajjat kien jimtela bix-xogħol, għax ħafna kien jżanżnu xi sidrija jew xi qalziet. Il-ħaddied kien ikun imħabbat bix-xogħol fuq l-għodod tar-raba'; u l-mastrudaxxa, il-bajjad, u l-bennej kienu jaħdmulek kollox bl-idejn, eżatt kif tridu int.

Jien trabbejt madwar it-Tliet Knejjes – in-Naħa t'Isfel. Din l-espressjoni għadha f'ħalq ħafna nies. Kellna ħafna drawwiet li jixhdu il-ħajja sielma u ġwejda li konna ngħixu ħamsin sena ilu. Kull nhar ta' Ħadd, f'rokna ġo l-isqaq ta' quddiemna fi Triq il-Providenza, xi ħamsin mara ta' kull eta' kienu jinġabru biex jilagħbu t-tombla. Dik il-kantaliena ta' l-għajjat tan-numri, nofs Malti u nofs Taljan mgħawġin bl-aċċent Malti u raħli għadha tidwi f'widnejja. Iz-ziju Ġuż kien jaħdem bil-mutur tal-ħart. Meta jlesti kien isuqu lejn id-dar biex idaħħlu ġor-remissa li kellna. Kien isuqu fit-triq, u mhux jgħabbih fuq xi trakk, u f'dawk it-toroq ta' dari, nieqsa mill-istorbju tal-karozzi tan-nar, malli kien jasal f'tarf ir-raħal jien kont nisimgħu ġej u kont immur niġri nilqgħu. Kienet l-hena tiegħi nirkiblu fuq wara u jsuqni lejn id-dar. Attivita' oħra li kienet issir ta' sikwit f'dawn it-toroq, vojta mill-kaxxi tal-landi fuq rot ital-lasktu wieqfa u bla ħajja bejn is-sinjali bojod, kif ukoll meħlusin miċ-ċaqliq bla bżonn ta' dawn l-imriekeb, kienet is-sewqan u l-gwida bil-għaqal u b'sengħa kbira tal-merħla tal-mogħoż li kienet tidħol fi Sqaq ta' Pinu. Fil-għaxijiet tar-Rebbiegħa u sajfin, jiena u oħtie rħilna ngħaddu ż-żmien nfittxu l-imsiebaħ taħt l-għetiebi. Kemm kien ikun sabiħ il-lewn ħadrani ta' Musbieħ il-Lejl! L-imsejken insett f'daqqa waħda kien isib ruħu magħluq ġo kaxxa tas-sulfarini, jitkaxkar fuq xi werqa li konna npoġġulu biex twennsu.

Waħda mill-istejjer li dejjem smajt fi tfuliti u li x-xjuħ għadhom isemmuha sal-lum hi d-diżgrazzja tat-23 t'Ottubru 1903. Żewġ dilettanti tan-nar li kienu qed iħalltu l-polvri tal-kulur fil-Każin ta' Marija Anunnzjata, meta dan il-Każin kien għadu bieb ma' bieb mad-dar tal-Kappillan, ħallew il-polvri jmiss ma' xi fjamma ta' lampa. Bl-isplużżjoni ġġarraf mhux biss il-Każin, imma waqgħet ukoll id-dar tal-Kappillan u dar oħra. Il-feruti kienu 42, li minnhom mietu sebgħa. Minn taħt it-terrapien inqalgħet l-ewwel bandalora tal-każin, li fuqha hemm l-arma ta' Ħal Balzan. L-arma, li minn dejjem kienet għal qalb il-Balzanin, hi mfassla hekk: Żewġ faxxi ħodor, faxxa ħamra fin-nofs, fuq sfond abjad.

Il-ġirja għall-"Iżvilupp Modern" bdiet sa minn kmieni wara l-gwerra. Għall-ewwel kienet ġirja mrażżna, imma f'dawn l-aħħar snin intemm kull rażan u l-proċeduri qed jiġu mkażbra spiss. Għaliex il-ġonna li kienu ilhom stabbiliti mijiet ta' snin tħallew jinbidlu f'kull sura ta' taparsi progress bżonjuż u ħarriefi!? Għaliex flok il-vilel sbieħ li minn dejjem taw karattru lir-raħal issa nibet bini li aktar jixbaħ lil barumbara tal-ħamiem? Għaliex kellha titwaqqa' Dar Birbal biex flokha inbena supermarket, bl-iskuża li se jkun ta' siwi għall-Balzanin, biex wara ftit snin dan is-supermarket għalaq?

Dar oħra qadima li qed titħalla tiżdinga hi fejn kien joqgħod il-Kavallier Giacomo Rodriguez, fi Triq il-Providenza. Id-dar għandha gallarija ta' sbuħija ewlenija u li tolqot il-għajn. Minħabba n-nuqqas ta' interess minn min suppost iħares il-wirt kulturali, din id-dar għad tiġi f'idejn nies li r-regħba għall-flus hi l-ideal waħdieni ta' ħajjithom.

Mill-banda l-oħra ma nistax ma nsemmix lil dawk il-palazzi u d-djar antiki li qed jiġu mħarsa b'tant għaqal u irġulija, bħal Palazzo Oliver; id-dar tal-Kommendatur ta' l-Ordni ta' San Ġwann – Fra Ġużeppi Zammit; Palazzo San Antonio; Palazzo Testaferrata; il-Palazz tal-Kommendatur ta' l-Ordni ta' San Ġwann – Fra Vincenzo Bosio; id-dar tar-Reġġent (l-aħħar Reġġent Kaptan tal-Virga ta' l-Universita' ta' l-Imdina); id-dar tar-rappreżentant ta' Ħal Balzan fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi; La Casa del Giuco; Casa de Petri; Dar is-Serħ; il-villa tal-Konti Bernardu Manduca; Casa Chierico Caetanus Muscat; Casa Tre Chiese; Villa Maria Concetta; Villa Cor Jesu; Villa Solitaire; Villa Wojtyla; Dar Antmar; u djar oħra antiki li jistħoqqilhom għożża.

Ħal Balzan s'issa għadu jgawdi għallanqas ħjiel tal-ħajja ta' l-imgħoddi, imma r-regħba tal-bniedem modern qiegħda dejjem tagħfas u kull min għandu għal qalbu l-ħajja ta' raħal twelidu għandu jiddefendiha b'mod sod u organizzat.

## Referenzi:


Aquilina, Joseph: Maltese/English Dictionary.
Serrachino-Inglott Erin: Il-Miklem Malti.
Dimech, Mons. Dun Ġwann: Ħal Balzan.
Guillaumier, Alfie: Bliet u Irħula Maltin.
Mappa minn għand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan.
Esperjenzi u komunikazzjonijiet personali.